# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Gunju tas-sena 2001.**

**Numru   21**

**Avviz  numru      1597/98/SM**

**Elmo Insurance Services Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera taghha Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha David Libreri u l-istess David Libreri.**

**vs**

**Peter Scollard u b'digriet tat-3 ta' Jannar, 2001, Middle Sea Insurance p.l.c. rapprezentata minn Doris Raggio konfermata bhala kuratrici ghall-assenti Peter Scollard.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat id-19 t'Awissu ta' l-1998 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' erba' mija u wiehed liri tnejn u hamsin centezmu (LM410.52,0) in kwantu ghal mitejn sitta u ghoxrin lira tnejn u hamsin centezmu (LM226.52,0), lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Services Limited noe u in kwantu ghall-mija u hamsa u sebghin lira (LM175) lill-attur David Libreri, in linea ta' danni minnu kkagunati u minnhom subiti in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Tas-Sliema fis-17 ta' Frar, 1998, meta waqt li kien qed isuq vettura Nru. FAA 192 habat mal-vettura Nru. DAV 118 proprjeta' tal-attur David Libreri u misjuqa minnu, prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident hu kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u nonosservanza tar-regolamenti;**

**2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Gunju 1998 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali mill-15 ta' Gunju 1998, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-30 ta' Settembru ta' l-1998 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi preliminarjament, ghandha tigi esebita l-polza ta' l-assikurazzjoni li a bazi taghha qed jigi allegat li sar il-hlas lill-assigurat u ghandu daqs tant iehor jigi esebit ic-cheque li bih sar l-allegat pagament mis-socjeta' attrici lill-assigurat;**

**2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li m'huwiex minnu li l-incident awtomobilistiku msemmi fl-avviz ta' l-atturi sehh minhabba l-imprudenza, l-imperizja, n-negligenza u l-inosservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut;**

**3. Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont ta' danni dedott fl-avviz ta' l-attur huwa eccessiv u ghaldaqstant ghandu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-istess ammont;**

**4. Illi fir-raba lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ebda imghax ma hu dovut stante li din si tratta ta' kawza ta' danni, u l-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut tigi determinata bis-sentenza finali;**

**5. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, it-talbiet attrici, il-kwantu diretti kontra s-socjeta' konvenuta, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rispinti bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici;**

**6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident in dizamina sehh fiz-17 ta' Frar ta' l-1998 f'The Strand, Tas-Sliema, bejn il-vettura DAV-118 misjuqa mill-attur David Libreri u l-vettura FAA-192 misjuqa mill-konvenut;**

**2. Illi l-incident sehh meta l-konvenut gie biex idur fir-"roundabout" li taghti lejn l-Square Deal u laqat lill-attur fil-genb tieghu;**

**3. Illi l-konvenut jafferma mal-pulzija li mar fuq il-post li kellu l-"indicator" mixghul;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta li l-konvenut kien qieghed jimmanuvra l-entrata tieghu fir-"roundabout" fuq indikata mill-karreggjata esterna u mhux minn dik l-eqreb lejnl-istess "roundabout";**

**Illi nonostante l-fatt li kellu l-"indicator" mixghul dan ma jipprekludiex li qabel ma jaffettwa manuvra ta' qsiem ta' karreggiati, dan ghandu jezercita "proper look out";**

**Ghaldaqstant, filwaqt li tilqa' t-talbiet attrici:**

1. **Tiddikjara lill-konvenut Peter Scollard unikament responsabbli ghall-incident in dizamina;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' erba' mija u ghaxar Liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu, (LM410.52,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut Peter Scollard u Middle Sea Insurance p.l.c. rapprezentata minn Doris Raggio konfermata bhala kuratrici ghall-assenti Peter Scollard biex ihallsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**